# Dun Gaetano Mannarino (1733-1814): *Patrijott jew Traditur?*

**Minn Sandro Sciberras**



Is-sena dieħla, 2014, jaħbat il-200 sena mill-mewt tas-saċerdot kontroversjali Dun Gaetano Mannarino, li sar protagonista ewlieni tal-istorja Maltija fl-aħħar kwart tas-seklu 18 billi jingħad li kien il-moħħ wara l-Irvell tal-Qassisin fl-1775 fi żmien il-Granmastru Ximenes de Texada.

Dun Gaetano twieled fid-29 ta' Awwissu 1733 fi ħdan il-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta. Ommu u missieru kienu Ġużeppi u Giovanna (Borda Vassallo, 1995). Kellu ħuh saċerdot ukoll. Mhux magħruf wisq dwar l-ewwel fażi ta' ħajjet Dun Gaetano iżda jingħad li kien saċerdot umli u twajjeb, li f'ċirkostanzi differenti kien żgur jimxi 'l quddiem fil-ġerarkija ekkleżjastika Maltija. Kien meta l-Isqof Pellerano bagħtu fil-Parroċċa ta' San Publiju fil-Furjana, li l-ħajja ta' Dun Gaetano ħadet xejra differenti li bidlitlu l-bqija ta' ħajtu.

Dawn kienu żminijiet diffiċli f'Malta fejn il-ħakma despotika tal-Ordni ta' San Ġwann kienet tat bidu għal dwejjaq u tgergir mill-oqsma kollha tas-soċjetà Maltija. Il-Kavallier Aragoniż Francisco Ximenes de Texada kien ġie elett bħala Gran Mastru fl-1773 biex jimplimenta riformi meħtieġa speċjalment fil-qasam finanzjarju tal-Ordni. Biex għamel dan, mexxa b'mod despotiku, żied it-taxxa fuq il-qamħ importat li tefgħet bosta Maltin fil-faqar. Dan, flimkien mal-inkwiet regolari bejn l-Ordni u l-Knisja Maltija, il-ksur tad-drittijiet tal-Kleru, l-imġiba immorali ta' numru ta' Kavalleri u s-sens ta' inġustizzja kontinwa ġiegħlu lil Dun Gaetano Mannarino jibda jikkritika b'mod qawwi lill-Ordni ta' San Ġwann. B'din il-pożizzjoni li ħa b'mod pubbliku u anke għal fatt li kien saċerdot, huwa sar il-figura ewlenija ta' moviment li kien jiġbor fih Maltin minn kull livell soċjali u li riedu bidla radikali fil-mod ta' kif kienet titmexxa Malta.

Kien fid-dawl ta' dan li nhar it-8 ta' Settembru, grupp żgħir ħafna ta' persuni, fosthom numru ta' saċerdoti, immexxija minn Dun Gaetano Mannarino organizzaw rewwixta li mill-bidu dehret disorganizzata ferm. Grupp minnhom irnexxielu jidħol ġol-Forti Sant'Iermu filwaqt li l-grupp l-ieħor daħal fil-Kavallier ta' San Ġakbu. Il-Gran Mastru u l-Kunsill tal-Ordni mill-ewwel ħadu passi biex jikkontrollaw ir-rewwixta li, kuntrarjament għal dak li ħasbu l-organizzaturi tagħha, ma ġiet milqugħa tajjeb xejn mill-bqija tal-popolazzjoni u ftit ipparteċipaw. Il-konġurati ma kellhomx pjan ta' x'ser jagħmlu wara li rebħu ż-żewġ fortifikazzjonijiet u għalhekk ċedew wara ftit sigħat. Tant kien falla l-pjan li l-parti l-kbira tal-Maltin lanqas biss indunaw x'kien qiegħed jiġri.



Il-kastig kien aħrax. Erba' mill-mexxeja tar-rewwixta ġew maqtula, u rashom poġġuta fil-kantunieri tal-Kavallier ta' San Ġakbu biex jaraha kulħadd. Oħrajn ġew eżiljati filwaqt li Dun Gaetano Mannarino u l-kjeriku Giuseppe Dimech intbagħtu għal għomorhom il-ħabs. Kien Dun Gaeatano stess li kixef minn kienu l-konġurati, f'żewġ ittri miktuba minnu stess (Ryan, 1930).

Dun Gaetano qatta 23 sena fil-ħabs f'Sant'Iermu fejn iċ-ċella tiegħu b'ismu mnaqqax fil-ħajt instabet fl-2011 (Galea Debono, 2011). Ġie meħlus minn Napuljun Bonaparti li kkunsidrah bħala patrijott kbir. Huwa mar joqgħod f'San Ġiljan u miet fis-7 ta' April 1814 fl-età ta' 80 sena. Kellu funeral mill-ifqar, hekk kif ħalla miktub fl-aħħar xewqat tiegħu (Vella, 1934) u jingħad li hu midfun fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija f'Birkirkara (Borg, 2005).

Għal xi wħud, bħal l-Imħallef/storiku Giovanni Bonello li jsejjaħlu "false and deceitful idol" (Bonello, 2010), Dun Gaetano Mannarino huwa traditur. Oħrajn jispekulaw li kien użat minn ħaddieħor għax ma kienx psikoloġikament f'saħħtu (Francisco Ximenes de Texada, e.d.).




Birkirkara fakkret lil dan il-personaġġ billi ssemmiet għalih waħda mit-toroq ewlenin tar-raħal u b'lapida kbira tal-irħam li saret bit-tħabrik tal-Kavallier G. Dimech Debono u li oriġinarjament kienet tinsab fil-korsija tal-Knisja ta' Santa Marija, il-Knisja Parrokkjali tagħna. Din tpoġġiet nhar 1 ta' Novembru 1931 (Borda Vassallo, 1995). Illum tinsab fis-sagristija tax-xellug.

Il-merti ta' Dun Gaetano Mannarino bħala partijott jew traditur huma suġġett ta' diskussjoni ħarxa. Li hu żgur hu li dan kien il-bniedem li permezz ta' kliemu u għemilu xegħel dawl u xewqa għal-libertà f'qalb il-Maltin li kellu jsib il-qofol tiegħu bl-invażjoni Franċiża u t-tkeċċija tal-Ordni minn Malta fl-1798 (Panzavecchia, 1825).

**Bibjografija**

Bonello, G. (15 ta' June 2010). Dun Gaetano Mannarino - false and deceitful idol. *Histories of Malta, Volume X: Passions and Compassions*, p. 99.

Borda Vassallo, F. (1995). Dun Gejt Mannarino - Patrijott 1733 - 1814. *Każin Sant' Elena - Banda Duke of Connaught Festa Sant' Elena*, 154.

Borg, M. V. (2 ta' March 2005). Taħdita Kunsill Lokali Birkirkara.

*Francisco Ximenes de Texada*. (e.d.). Irkuprat minn The Sovereign Military and Hospitaller Order of St. John: http://smom-za.org/grandmasters/69.htm

Galea Debono, F. (2011). Fire for St. Elmo. *Times of Malta.com*, http://www.timesofmalta.com/articles/view/20110401/local/fire-for-st-elmo.357678.

Panzavecchia , F. (1825). *L'ultimo periodo della storia di Malta sotto il governo dell'Ordine Gerosolimitano...*

Ryan, F. (1930). *House of the Temple.*

Vella, E. (1934). *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha.* Malta.

- F O R -
Newspapers - Greeting Cards
Books - Magazines - Sweets - Toys
Games - Photocopy Service

CALL AT

MARTINGALE
stationers

**Old Church Street, B'Kara**
**mobile: 99425880**

*Open from Monday to Sunday*